



Brussell, 21 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14650/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0264(NLE)**

**SOC 623
GENDER 184
EMPL 426**

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	14418/2022 + ADD1 12002/22
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja - Adozzjoni

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-8 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta fis-suġġett lill-Kunsill. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali adottat mill-Kummissjoni jistabbilixxi li fl-2022 ser titnieda inizjattiva dwar il-kura fit-tul. Ir-Rakkomandazzjoni tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Prinċipju 18 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Dan il-prinċipju jiddikjara li kulħadd għandu d-dritt għal servizzi ta' kura fit-tul affordabbli ta' kwalità tajba, b'mod partikolari servizzi ta' kura fid-djar u servizzi bbażati fil-komunità. Ir-Rakkomandazzjoni tikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tal-Prinċipju 9 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għal persuni b'responsabbiltajiet ta' kura, kif ukoll tal-Prinċipju 17 dwar l-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà.

2. Il-proposta, flimkien mal-Istrateġija tal-Kummissjoni għall-Kura, ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni lill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali fit-8 ta' Settembru 2022. Il-Grupp ta' Ħidma eżamina l-proposta fil-laqgħat tiegħu fil-15 u s-27 ta' Settembru 2022, u fl-10 u l-24 ta' Ottubru 2022.
3. Wara konsultazzjoni informali bil-miktub konklużi fit-3 ta' Novembru 2022, il-Grupp ta' Ħidma qabel dwar it-test ta' compromess tal-Presidenza.
4. Il-Coreper ikkonferma l-qbil dwar l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni (14418/22 ADD 1) u rrakkomanda li l-Kunsill japprova t-test ta' compromess wara l-finalizzazzjoni tar-reviżjoni mill-ġuristi lingwisti (dokument 13948/22).

II. KONKLUŻJONI

5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill (EPSCO) huwa mistieden jadotta r-Rakkomandazzjoni dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja kif tinsab fid-dokument 13948/22.
6. Wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni, din tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.